Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10262/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0124(NLE)

ECOFIN 604
UEM 140
FIN 470
CADREFIN 100

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Irlanda

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta'...

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Irlanda

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

[1] ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

Billi:

(1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") mill-Irlanda fit-28 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-8 ta' Settembru 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni ("id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021")[2]. Dik id-Deċiżjoni ġiet emendata fl-14 ta' Lulju 2023[3] u fit-8 ta' Diċembru 2023[4].

(2) Fit-22 ta' Marzu 2024, l-Irlanda ppreżentat lill-Kummissjoni RRP nazzjonali emendat, li jinkludi kapitolu REPowerEU f'konformità mal-Artikolu 21c tar-Regolament (UE) 2021/241. L-Irlanda għamlet ukoll talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, l-Irlanda ppreżentat RRP emendat.

(3) Il-preżentazzjoni tal-RRP emendat li jinkludi kapitolu REPowerEU segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, bl-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Is-sommarju tal-konsultazzjonijiet ġie ppreżentat flimkien mal-RRP nazzjonali emendat. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP emendat, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.

---

[2] Ara d-dokumenti ST 11046/21 INIT u ST 11046 21 ADD 1 fi http://register.consilium.europa.eu.

[3] Ara d-dokument ST 11336/23 INIT fi http://register.consilium.europa.eu.

[4] Ara d-dokumenti ST 15965/23 INIT u ST 15965/23 ADD 1 fi http://register.consilium.europa.eu.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

(4) L-emendi tal-RRP ippreżentati mill-Irlanda minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw erba' miżuri.

(5) L-Irlanda spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb minħabba li l-pandemija rriżultat f'żieda mhux mistennija fir-reġistrazzjonijiet tal-istudenti fi programmi ta' sena tal-ICT fl-2021, li mbagħad ġiet segwita minn tnaqqis fis-sena ta' wara peress li ħafna studenti potenzjali kienu diġà lestew programm. Barra minn hekk, ir-rata baxxa ta' qgħad bħala riżultat tar-reżiljenza mhux mistennija tal-impjiegi wara l-kriżi pandemika wasslet f'għadd aktar baxx milli kien mistenni ta' reġistrazzjonijiet fil-korsijiet tal-ICT mill-2022. Din tikkonċerna l-mira 75 tal-miżura 2.7 (L-indirizzar tad-distakk diġitali u t-tisħiħ tal-ħiliet diġitali) taħt il-komponent 2 (L-aċċellerazzjoni u l-espansjoni tar-riformi u t-trasformazzjoni diġitali). Abbażi ta' dan, l-Irlanda talbet li tiġi emendata l-mira 75. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 tiġi emendata skont dan.

(6) L-Irlanda spjegat li, għal miżura waħda, hemm alternattivi aħjar għall-implimentazzjoni tagħha li jippermettu li tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżura. Din tikkonċerna l-istadju importanti 85 taħt il-miżura 3.3 (Fond ta' Trasformazzjoni tal-Universitajiet Teknoloġiċi) taħt il-komponent 3 (L-irkupru soċjali u ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi). Abbażi ta' dan, l-Irlanda talbet li jiġi emendat l-istadju importanti 85. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 tiġi emendata skont dan.

(7) L-Irlanda spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb, minħabba li l-finalizzazzjoni mhux mistennija tat-test tad-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-adozzjoni tagħha mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill qabel it-tmiem tal-leġiżlatura attwali pprovdew l-opportunità għal riforma aktar effettiva kontra l-ħasil tal-flus. Din tikkonċerna l-istadju importanti 94 tal-miżura 3.5 (Kontra l-Ħasil tal-Flus) taħt il-komponent 3 (L-irkupru soċjali u ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi). Abbażi ta' dan, l-Irlanda talbet li testendi l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-istadju importanti 94. Barra minn hekk, l-Irlanda talbet li jiġi emendat l-istadju importanti 94. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 tiġi emendata skont dan.

(8) L-Irlanda spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb minħabba li l-ħtiġijiet tal-affordabbiltà lokalizzati lil hinn minn dawk previsti inizjalment ġew identifikati mill-awtoritajiet lokali. Konsegwentement, il-kriterji ta' eliġibbiltà eżistenti wrew li kienu restrittivi u mhux adattati biex jintlaħqu l-objettivi tal-miżuri. Għal din ir-raġuni, id-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni kellu bżonn jespandi l-kriterji ta' eliġibbiltà tal-iskema tal-kiri bil-kost. Din l-eliġibbiltà estiża tilħaq b'mod ugwali l-objettiv tal-miżura mingħajr ma tnaqqas l-ambizzjoni tagħha. Din tikkonċerna l-miri 102, 103 u 104 taħt il-miżura 3.8 (Żieda fil-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali u affordabbli) taħt il-komponent 3 (Irkupru soċjali u ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi). Abbażi ta' dan, l-Irlanda talbet li jiġu emendati l-miri msemmija hawn fuq. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 tiġi emendata skont dan.

(9) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati mill-Irlanda jiġġustifikaw l-emendi skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, u li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 tiġi emendata skont dan.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

(10) Ġie identifikat żball klerikali wieħed fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021, li jaffettwa stadju importanti wieħed u mira waħda taħt komponent wieħed. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tiġi emendata biex jiġi kkoreġut dak l-iżball, li ma jirriflettix il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fit-28 ta' Mejju 2021, kif miftiehem bejn il-Kummissjoni u l-Irlanda. L-iżball huwa relatat mal-istadju importanti 57 tal-investiment 2.2 (Programm li jixpruna t-trasformazzjoni diġitali tal-intrapriża fl-Irlanda) taħt il-komponent 2 (L-aċċellerazzjoni u l-espansjoni tar-riformi u t-trasformazzjoni diġitali). Il-korrezzjoni tal-iżball ma taffettwax l-implimentazzjoni tal-miżura kkonċernata.

Il-kapitolu REPowerEU bbażat fuq l-Artikolu 21c tar-Regolament (UE) 2021/241

(11) Il-kapitolu REPowerEU jinkludi riforma ġdida u ħames investimenti ġodda. Il-kapitolu jinkludi riforma biex jintroduċi reġim immexxi minn pjan fl-użu tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta permezz tal-introduzzjoni ta' dikjarazzjoni ta' politika, l-adozzjoni ta' żewġ żoni ta' ppjanar marittimu dežinjati mill-parlament Irlandiż (l-Oireachtas), u rkant tal-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta. Ir-riforma tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-enerġija eolika lil hinn mill-kosta fl-Irlanda, u tippermetti kapaċità kkombinata ta' enerġija eolika lil hinn mill-kosta ta' 5 GW sal-2030. Il-kapitolu jinkludi wkoll investimenti fiż-żieda tal-produzzjoni tal-bijometan sostenibbli fl-Irlanda permezz tal-adozzjoni ta' strateġija ddedikata għall-bijometan u pjan ta' azzjoni, u l-introduzzjoni ta' għotja kapitali għall-kostruzzjoni jew it-titjib tal-kapaċità tal-produzzjoni tal-bijometan sostenibbli, u investimenti fit-trasport ferrovjarju sostenibbli permezz tal-kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar fir-rotta miċ-ċentru tal-belt ta' Dublin għal Drogheda fuq il-Linja tat-Tramuntana, l-iffaċilitar tal-użu ta' rolling stock elettriku bil-batterija, kif ukoll interventi ddedikati tal-effiċjenza enerġetika fl-isptarijiet, fl-iskejjel pubbliċi (flimkien mal-fażi tat-twettiq tal-Programm tal-Profil tal-Enerġija biex jiġu identifikati aktar interventi kosteffiċjenti tal-enerġija), u fil-bini tal-uffiċċji pubbliċi. B'mod ġenerali, ir-riforma l-ġdida u l-investimenti l-ġodda inklużi fil-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili billi jaċċelleraw l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli u gassijiet rinnovabbli, jagħtu spinta lill-effiċjenza enerġetika u jnaqqsu l-konsum tal-enerġija primarja, u billi jiffaċilitaw it-trasport urban sostenibbli. Il-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxi wkoll biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku billi jżid l-użu tal-enerġija rinnovabbli u tal-gassijiet rinnovabbli, kif ukoll inaqqas il-konsum tal-enerġija fil-bini pubbliku, u b'hekk inaqqas il-kostijiet tas-sistema tal-enerġija.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

(12) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Rispons ibbilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri

(13) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (a), u mal-kriterju 2.1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat, li jinkludi l-kapitolu REPowerEU, jirrappreżenta fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu l-isfidi speċifiċi ffaċċjati mill-Istat Membru kkonċernat u l-allokazzjoni finanzjarja għalih.

(14) L-RRP Irlandiż, kif ukoll l-inklużjoni tal-kapitolu REPowerEU, ikomplu jkopru b'mod komprensiv is-sitt pilastri li jistrutturaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-Faċilità. Il-miżuri l-ġodda inklużi fil-kapitolu REPowerEU b'mod partikolari jkomplu jsaħħu l-enfasi tal-RRP fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, u b'hekk jikkontribwixxu għall-ewwel pilastru (tranżizzjoni ekoloġika).

L-indirizzar tal-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

(15) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), u mal-Anness V, il-kriterju 2.2, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat, li jinkludi l-kapitolu REPowerEU, mistenni jikkontribwixxi għall-indirizzar b'mod effettiv tal-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti indirizzati lill-Irlanda, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati b'mod uffiċjali mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

(16) Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti kollha bħala parti mis-Semestru Ewropew tal-2022 u l-2023, il-Kummissjoni sabet li r-rakkomandazzjoni dwar iż-żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli ġiet implimentata bis-sħiħ. Inkiseb progress sostanzjali fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet dwar investimenti addizzjonali f'miżuri tal-effiċjenza enerġetika u żieda fl-investimenti pubbliċi mmirati lejn l-indirizzar tal-objettivi klimatiċi u t-tranżizzjoni ekoloġika fl-2022.

(17) L-RRP emendat jinkludi sett estensiv ta’ riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li jikkontribwixxu biex jindirizzaw b’mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Irlanda mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, b’mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar it-tnaqqis tad-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili (rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 4.1 fl-2022 u 4.1 fl-2023) billi jaċċelleraw l-użu tal-enerġija rinnovabbli, b’mod partikolari l-enerġija eolika lil hinn mill-kosta u l-bijometan sostenibbli, u li jirrazzjonalizzaw il-qafas tal-ippjanar u tal-permessi għall-enerġija rinnovabbli (rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 4.2 fl-2022 u 4.4 fl-2023), kif ukoll l-implimentazzjoni ta’ miżuri addizzjonali li jappoġġaw l-effiċjenza enerġetika f’bini privat u pubbliku biex jitnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija u l-kostijiet tas-sistema tal-enerġija (rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 4.5 fl-2023). Barra minn hekk, permezz ta’ miżuri ta’ modifika retroattiva li jġibu tnaqqis fil-konsum tal-enerġija tas-settur pubbliku, il-kapitolu jgħin biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni għall-espansjoni tal-investiment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u s-sigurtà tal-enerġija (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 1 fl-2022).

Il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”

(18) F’konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-Anness V, il-kriterju 2.4, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat, li jinkludi l-kapitolu REPowerEU, mistenni jiżgura li l-ebda miżura (Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta’ riformi u ta’ proġetti tal-investimenti inklużi f’dan l-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fit-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] (il-prinċipju ‘‘la tagħmilx ħsara sinifikanti’’).

(19) L-RRP emendat, li jinkludi l-kapitolu REPowerEU, ġie determinat bħala konformi mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” f’konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Avviż tal-Kummissjoni intitolat “Gwida teknika dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza”.. Il-Kummissjoni kkonkludiet li għall-kull miżura ġdida skont il-kapitolu REPowerEU, ma hemm l-ebda riskju ta’ ħsara sinifikanti jew, fejn ġie identifikat riskju, valutazzjoni aktar ddettaljata wriet in-nuqqas ta’ ħsara sinifikanti. Meta meħtieġ, ir-rekwiżiti tal-konformità mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” huma minquxa fit-tfassil ta’ miżura u speċifikati fi stadju importanti jew mira li tirrapreżenta din il-miżura.

[5] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta’ qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

Kontribuzzjoni għall-objettivi ta' REPowerEU

(20) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da), u mal-Anness V, il-kriterju 2.12, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU mistenni jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-bikċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, u żieda tal-kapaċitajiet ta' ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis neċessarju ta' dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.

(21) Il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU mistennija jikkontribwixxu għall-objettiv skont l-Artikolu 21c(3), il-punti (b), (d), u (e), tar-Regolament (UE) 2021/241. L-investiment fiż-żieda tal-produzzjoni u l-użu tal-bijometan sostenibbli u r-riforma tal-Iskema ta' Appoġġ għall-Enerġija Rinnovabbli lil hinn mill-Kosta, li għandha l-għan li fl-Irlanda, tintroduċi skema ta' varar immexxija minn pjan u tinkludi l-irkantar tad-drittijiet tal-iżvilupp għall-użu ta' enerġija rinnovabbli addizzjonali lil hinn mill-kosta, ser jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Artikolu 21c(3), il-punti (b) u (e), tar-Regolament (UE) 2021/241. L-appoġġ għall-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-batteriji ser jippermetti l-użu ta' rolling stock b'emissjonijiet żero u jikkontribwixxi għat-trasport b'emissjonijiet żero u għall-infrastruttura tiegħu, inklużi l-ferroviji, f'konformità mal-objettivi tal-Artikolu 21c(3), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2021/241. Fl-aħħar nett, l-investimenti fil-modifiki retroattivi tal-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini pubbliku fl-Irlanda, b'mod partikolari f'assi tal-isptarijiet, unitajiet tal-infermiera tal-komunità, skejjel primarji u postprimarji u bini ta' uffiċċji pubbliċi ser jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Artikolu 21c(3), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2021/241 billi jinċentivaw it-tnaqqis fid-domanda għall-enerġija.

Miżuri b’dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali

(22) F’konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (db), u l-Anness V, il-kriterju 2.13, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU mistennija fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) ikollhom dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali.

(23) Il-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxi għall-iżgurar tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni kollha kemm hi, inkluż billi jindirizza l-isfidi identifikati fl-aktar valutazzjoni tal-ħtiġijiet reċenti tal-Kummissjoni, f’konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 21c(3), filwaqt li jqis il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Irlanda u l-pożizzjoni ġeografika tagħha. Il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-Irlanda fuq l-enerġija u l-fjuwils fossili importati billi tiġi żviluppata kapaċità addizzjonali għall-produzzjoni ta’ gassijiet rinnovabbli u billi jiġi avvanzat l-użu tal-enerġija eolika lil hinn mill-kosta. Il-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u għat-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija billi jappoġġa l-modifika retroattiva tal-istokk tal-bini pubbliku u jippermetti aktar trasport pubbliku sostenibbli. L-istima tal-kostijiet tal-miżuri inkluża fil-kapitolu REPowerEU b’dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali tirrappreżenta 98 % tal-kost totali stmat tal-kapitolu REPowerEU.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

(24) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u l-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat, li jinkludi l-kapitolu REPowerEU, fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 50,2 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP u 81,6 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU, kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament.
F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat, li jinkludi l-kapitolu REPowerEU, huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.

(25) Il-kapitolu REPowerEU għandu l-objettiv ġenerali li jaċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika u l-azzjoni klimatika permezz tal-użu ulterjuri tal-enerġija rinnovabbli bħall-bijometan sostenibbli u l-enerġija eolika lil hinn mill-kosta, it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija permezz ta' azzjonijiet ta' modifika retroattiva fl-istokk tal-bini pubbliku, u l-provvista ta' trasport pubbliku b'emissjonijiet żero netti.

(26) Tliet investimenti fil-kapitolu għandhom l-għan li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija primarja fl-istokk tal-bini pubbliku permezz ta' investimenti f'interventi tal-effiċjenza enerġetika. Dawk l-interventi għandhom l-objettiv li jnaqqsu d-domanda għall-enerġija primarja b'medja ta' 30 %. Il-provvista ta' ferroviji elettriċi bil-batterija u stazzjonijiet tal-iċċarġjar għar-rotta minn Dublin sa Drogheda jippermetti trasport b'emissjonijiet żero għal għadd kbir ta' vjaġġaturi. Fl-aħħar nett, ir-riforma dwar l-iżvilupp immexxi minn pjan tal-użu tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta u l-investiment fiż-żieda tal-produzzjoni tal-bijometan sostenibbli huma mistennija li jiffaċilitaw l-integrazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

Ikkostjar

(27) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u l-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat, li jinkludi l-kapitolu REPowerEU, dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP hija moderatament (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

(28) L-informazzjoni dwar il-kostijiet ipprovduta mill-Irlanda għall-RRP emendat hija dettaljata u sostanzjata sew. Barra minn hekk, l-Irlanda ppreżentat dokumenti separati, li jinkludu deskrizzjonijiet aktar elaborati tal-metodoloġija sottostanti għall-kalkoli tal-kostijiet u spjegazzjonijiet dwar kif il-proġetti tal-passat jirrelataw mal-istimi tal-kostijiet tal-miżuri l-ġodda bħala dokumentazzjoni. Il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet u tal-informazzjoni ta' sostenn turi li l-maġġoranza tal-kostijiet tal-miżuri l-ġodda huma ġġustifikati sew, raġonevoli u plawżibbli, u ma jinkludux kostijiet koperti minn finanzjament tal-Unjoni eżistenti jew ippjanat. Madankollu, peress li xi elementi tal-ikkostjar mhumiex iddokumentati kompletament, dan iwassal għall-valutazzjoni li l-informazzjoni dwar l-ikkostjar hija moderatament ċara, li jiġġustifika klassifikazzjoni B. Fl-aħħar nett, l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

(29) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mill-Irlanda ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għall-Irlanda fir-rigward tar-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (c), (f), (g), (h), (j) u (k), tar-Regolament (UE) 2021/241.

Valutazzjoni pożittiva

(30) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, li jinkludi l-kapitolu REPowerEU, bis-sejba li l-pjan jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti tal-investimenti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, li jinkludi l-kapitolu REPowerEU, l-objettivi intermedji, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li sar disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, li jinkludi l-kapitolu REPowerEU fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

(31) Il-kost totali stmat tal-RRP emendat, inkluż il-kapitolu REPowerEU ,tal-Irlanda huwa ta' EUR 1 163 158 300. Peress li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat, li jinkludi l-kapitolu REPowerEU, huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Irlanda, il-kontribuzzjoni finanzjarja totali kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 20(4), l-Artikolu 21a(6) u l-Artikolu 21b(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 allokata għall-RRP emendat tal-Irlanda jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 914 368 618[6].

[6] Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Irlanda tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

(32) Skont l-Artikolu 21a(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, fit-22 ta' Marzu 2024 l-Irlanda ppreżentat talba għall-allokazzjoni tad-dħul imsemmi fl-Artikolu 21a(1) ta' dak ir-Regolament, kondiviż bejn l-Istati Membri abbażi tal-indikaturi stabbiliti fil-metodoloġija fl-Anness IVa ta' dak ir-Regolament. Il-kost totali stmat tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 21c(3), il-punti (b) sa (f) tar-Regolament (UE) 2021/241 inkluż fil-kapitolu REPowerEU huwa ta' EUR 240 000 000. Peress li dak l-ammont huwa ogħla mis-sehem ta' allokazzjoni disponibbli għall-Irlanda, l-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli addizzjonali disponibbli għall-Irlanda jenħtieġ li jkun ekwivalenti għas-sehem ta' allokazzjoni. Dak l-ammont huwa ta' EUR 89 428 389.

(33) Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755[7], fl-1 ta' Marzu 2023 l-Irlanda ppreżentat talba motivata biex tittrasferixxi għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza parti mill-allokazzjoni proviżorja tagħha li fadal mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, li tammonta għal EUR 150 000 000. Jenħtieġ li dak l-ammont ikun disponibbli biex jappoġġa r-riformi u l-investimenti fil-kapitolu REPowerEU bħala appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli addizzjonali.

(34) Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali disponibbli għall-Irlanda jenħtieġ li tkun ta' EUR 1 153 797 007.

(35) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Irlanda tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

[7] Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Irlanda hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*
Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tal-Irlanda abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti relatati mat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tipprovdi aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.";

(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. "L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Irlanda kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ mhux ripagabbli li jammonta għal EUR 1 153 797 007*. Dik il-kontribuzzjoni tinkludi:

(a) ammont ta' EUR 914 368 618, li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022;

(b) ammont ta’ EUR 89 428 389, f’konformità mal-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241, esklużivament għar-riformi u l-investimenti li għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 21c(3), il-punti (b) sa (f), ta’ dak ir-Regolament;

(c) ammont ta’ EUR 150 000 000, trasferit mir-Riżerva ta’ Aġġustament għall-Brexit lill-Faċilità.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha ssir disponibbli mill-Kummissjoni lill-Irlanda f’pagamenti parzjali f’konformità mal-Anness ta’ din id-Deċiżjoni.

Il-prefinanzjament u l-pagamenti parzjali jistgħu jiġu żborżati mill-Kummissjoni f’segment wieħed jew f’diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.

---

* Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Irlanda tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f’konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta’ dak ir-Regolament”;

(3) l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta’ din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Irlanda.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President